

32003D0865

L 325/62

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

12.12.2003

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Diċembru 2003

li twaqqaf l-arranġamenti ta' esperimenti u testijiet kumparattivi tal-Komunità fuq il-materjal ta' tixrid li jġib l-isem ta' *Pelargonium l'Hérit. u Hosta Tratt., Euphorbia pulcherrima Willd. ex Klotzsch and Rosa L.* taħt id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE

(notifikata bid-dokument numru K(2003) 4626)

(2003/865/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE ta' l-20 ta' Lulju 1998 fuq it-tpoġġija fis-suq ta' materjal ta' tixrid ta' pjanti li jżejnu⁽¹⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/61/KE⁽²⁾, u l-aktar l-Artikolu 14(4), (5) u (6) tiegħu,

Billi:

- (1) D-Direttiva 98/56/KE tippovdi għall-arranġamenti meħtieġa biex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel esperimenti u testijiet kumparattivi tal-Komunità fuq il-materjal ta' tixrid.
- (2) L-arranġamenti tekniċi biex isiru l-esperimenti u t-testijiet tħejjew fi ħdan il-Kumitat Permanenti għall-Materjal ta' Tixrid ta' Pjanti li Jżejnu.
- (3) Kienet ġiet ippubblikata sejħa għall-proġetti (2003/K 159/08)⁽³⁾ biex isiru dawn l-esperimenti u t-testijiet imsemmija fuq.
- (4) Il-proposti ġew valutati skond il-kriterji ta' l-għażla u l-għoti stabbiliti fis-sejħa t'hawn fuq għall-proġetti. Għandhom jitwaqqfu l-proġetti, l-entitajiet responsabbli mit-tweqqif ta' l-esperimenti u t-testijiet u l-ispejjeż eliġibbli, kif ukoll l-għajjnuna finanzjarja massima tal-Komunità li tkun tikkorrispondi għal 80 % ta' l-ispejjeż eliġibbli.
- (5) L-esperimenti u t-testijiet kumparattivi tal-Komunità għandhom isiru bejn is-snin 2004 u 2005 fuq materjal ta' tixrid li jkun inħasad fl-2003, waqt li d-dettalji ta' dawn l-esperimenti u t-testijiet, l-ispejjeż eliġibbli, kif ukoll l-għajjnuna finanzjarja massima tal-Komunità għandhom ikunu stabbiliti kull sena bi ftehim iffirmit mill-uffiċjal tal-Kummissjoni li jawtorizza u mill-entità responsabbli mit-tweqqif ta' l-esperimenti.
- (6) Għall-esperimenti u t-testijiet kumparattivi tal-Komunità li jdumu aktar minn sena, il-partijiet ta' l-esperimenti u t-testijiet li jiġu wara l-ewwel sena għandhom ikunu awtorizzati mill-Kummissjoni mingħajr referenza oħra lejn il-Kumitat Permanenti għall-Materjal ta' Tixrid ta' Pjanti li Jżejnu, fuq kondizzjoni li l-appropriazzjonijiet meħtieġa jkunu disponibbli.

- (7) Għandha tkun żgurata r-rappreżentanza tajba tal-kampjuni li se jintużaw fl-esperimenti u t-testijiet, għall-inqas għal ċerti pjanti magħżula.
- (8) L-Istati Membri għandhom jieħdu sehem fl-esperimenti u t-testijiet kumparattivi tal-Komunità, sakemm il-materjal tat-tixrid tal-pjanti kkonċernati s-soltu jkun riprodotti jew imqiegħed fis-suq fit-territorji tagħhom stess, biex dawn jiżguraw li minn dawn l-esperimenti huma jkunu jistgħu jiġbdu l-konklużjonijiet tagħom.
- (9) Il-miżuri li hemm f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Materjal ta' Tixrid ta' Pjanti li Jżejnu,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

L-esperimenti u t-testijiet kumparattivi tal-Komunità għandhom isiru bejn is-snin 2004 u 2005 fuq materjal ta' tixrid tal-pjanti li hemm inniżżla fl-Anness.

L-ispejjeż eliġibbli kif ukoll l-għajjnuna finanzjarja massima tal-Komunità għall-esperimenti u t-testijiet għas-sena 2004 għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness.

Id-dettalji fuq l-esperimenti u t-testijiet qed jitwaqqfu fl-Anness.

L-Artikolu 2

Sakemm il-materjal ta' tixrid u ż-żerriegħa tal-pjanti msemmija fl-Anness jkunu s-soltu riprodotti jew imqiegħeda fis-suq fit-territorji tagħhom stess, l-Istati Membri għandhom jieħdu kampjuni ta' dan il-materjal u jagħmluh disponibbli lill-Kummissjoni.

L-Artikolu 3

Jekk l-estimi jkunu disponibbli, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li fl-2005 din tkompli l-esperimenti u t-testijiet stabbiliti fl-Anness.

L-għajjnuna finanzjarja massima tal-Komunità, li tikkorrispondi għal 80 % ta' l-ispejjeż eliġibbli ta' esperiment jew test li jitkompla fuq din il-bażi, m'għandhiex tkun aktar mill-ammont muri fl-Anness.

⁽¹⁾ ĠU L 226, tat-13.08.98, p. 16.

⁽²⁾ ĠU L 165, tat-3.07.03, p. 23.

⁽³⁾ ĠU C 159, tat-8.07.03, p. 19.

L-Artikolu 4

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membri tal-Kummissjoni

L-ANNEX

L-esperimenti u t-testijiet li għandhom isiru fl-2004

Speċi	L-entità responsabbli	Il-kondizzjonijiet li dwarhom għandha ssir valutazzjoni	Numru ta' kampjuni	L-ispejjeż eliġibbli (Ewro)	L-għajjuna finanzjarja massima tal-Komunità (ekwivalenti għal 80 % ta' l-ispejjeż eliġibbli)
Perenni (<i>Pelargonium l'Hérit.</i> u Hosta Tratt. (*))	Naktuinbouw Roelofar-endsveen (NL)	Is-saħħa tal-pjanta	50 + 50	43 367	34 694
Euphorbia pulcherrima Willd.	Naktuinbouw Roelofar-endsveen (NL)	Is-saħħa tal-pjanta	60	47 208	37 766
Rosa L. (ward tal-ġnien)	BSA Bundessortenamt	Is-saħħa tal-pjanta	80	17 982	14 386
L-Għajjuna Finanzjarja Totali tal-Komunità				86 846	

L-esperimenti u t-testijiet li għandhom isiru fl-2005

Speċi	Entità Responsabbli	Il-kondizzjonijiet li dwarhom trid issir valutazzjoni	Numru ta' kampjuni	Spejjeż eliġibbli (Ewro)	L-Għajjuna finanzjarja massima tal-Komunità (ekwivalenti għal 80 % ta' l-ispejjeż eliġibbli)
Perenni (Tratt. (*))	Naktuinbouw Roelofar-endsveen (NL)	Is-saħħa tal-pjanta b'identità purità differenti (fl-għalqa) is-saħħa tal-pjanta (fil-laboratorju)	50	15 189	12 151
L-Għajjuna Finanzjarja Totali tal-Komunità				12 151	

(*) L-esperimenti u t-testijiet li għandhom isiru fl-2004